

# Id-Dramm ta' Santa Katarina

kitba ta' Frans Zahra

Għall-okkażżjoni tal-1700 mill-martirju tal-patruna tagħna, Santa Katarina, il-grupp tal-Armar li jieħu ħsieb din il-pubblikazzjoni annwali, talabni nikteb dwar id-dramm ta' Santa Katarina, u se nikteb minn dak li niftakar, li ta' kull sena kien issir fid-Domus, dramm li avolja kien issir kull sena, bħal dak tal-Passjoni, in-nies kienet tistennieħ, u tattendi bi ħġara. Id-dramm għandu (għidt "għandu", u mhux "kellu" għaliex f'din is-sena ċentinarja, se jerga' jsir) kitba ta' Karmenu Baldacchino "ta' l-Iskultur". Niftakar lil Ġużeppi Bartolo, jien bqajt insejjaħlu ta' TABAR STORE, fil-parti ta' Massaminu, għalkemm jien l-aktar li niftakar sew jagħmel il-parti ta' Massaminu, lil Censu Barbara "tal-Fifu", konna nsibuh wkoll bħala "Censu d-deffien". F'din il-parti kien hemm ukoll Carmelo Frendo "ta' Vestra", li kien joqgħod quddiem il-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu. Il-lum miżżewweġ u joqgħod fi Triq Luqa Briffa, u jgħin fl-attivitajiet tad-Day Centre ta' l-Anzjani. Fil-parti ta' Massaminu jissemgħa wkoll Carmelo Zammit "ta' Mamminu" – pero jien ma niftakrux lil dan jaħdem din il-parti. Fi żmieni kien diġa waqaf mill-palk.

Fil-bidu fuq il-palk tad-Domus ma kienux jaħdmu nisa, irġiel biss, u allura il-parti ta' Santa Katarina kien jinterpretaha raġel: jew Joe Abela ta' "L-Ave Marija", iben Ġanni, u n-neputi ta' Karmenu ta' l "Ave Marija" li kellu karozza tal-linja bin-numru 2850, jew minn flok Joe, kien jinterpretaha, Ġenerozu Vella, "ta'Bernarda" jew "ta Nerik". Ġenerosu kien jieħu ħsieb il-kappella tal-istess Domus. Kien miet u midfun Lourdes, fejn kien tela' bit-tama ta' fejqan. Leli Galea "il-maħma" darba, meta kellu 18 il-sena, kien ukoll ħadem il-parti ta' Santa Katarina. Pero Leli kellu għalih il-parti ta'Licino, li flimkien ma' Porfilju (li kien jaħdimha Mikiel Carabott "il-Baqwa")kienu żewġ Tribun fil-palazz / qorti tal-Imperatur Massiminu. Mikiel kien hu Anġlu it-tnejn atturi fid-Domus. Anġlu, li meta jiżżewweġ kien mar joqgħod B'Kara, avolja ż-Żejtun kien ġej u sejjer, kien ukoll jikteb xi xogħolijiet għall-palk.

Fi żmieni, sa xi 29 sena ilu, il-palk tal-Juventutis Domus, kien baqa' tabilħaqq attivi... "ħaj", għaliex flok l-anzjani, li l-lum, Alla jagħtihom il-mistriħ ta' dejjem, flimkien ma Ġanni Farruġia, "tal-Bekkej" dan tal-aħħar, fost l-karattri li kien jinterpreta, dejjem ħadem il-parti ta' Kristu, fid-dramm tal-passjoni, kif kien jagħmel jgħiduli, għax jien ma niftakruhx, Ġużeppi Spiteri "il-Katutu". Il-Katutu ilħaqtu ħaj u spiss konna nitkellmu dwar id-Domus fi żmienu, u x-xogħolijiet teatrali li hu w sħabu kienu jtellgħu fuq il-palk. Wara dik l-epoka, dħalna aħna. Konna grupp tajjeb. Tellajna bosta xogħolijiet: serji u komici. Dak lż-żmien id-dramm ta' Santa Katarina (dak li kiteb "l-iskultur") kien ikollu direżżjoni ta' Peter Montebello (Ta' Montebello Torus) u ġieli ta' Vince Calleja (Ta' Karmena ta' Calleja, kienet b'ħanut tal-merca fi triq San Girgor). Il-Karattri principali kienu jinħadmu minn Carmelo Cumbo, u Joe Grima ż-żewġ sacerdoti tat-Tempju ta'Ġove u ta' madwar l-Imperatur. Carmelo Caruana "Il-Ħummos" l-agħma Prudenzju, li fl-istorja jingħad kien qabeż għall-kaptan tiegħu Profilju parti li kien jaħdem Ġużeppi Agius "iċ-Ċinnu", illum segretarju tal-Banda Żejtun. Salvu Schembri "ta' Marjanu" li kien jinqala wkoll għall-partijiet komici, kien jagħmel dik ta' Licino, Tribun, sieħeb Porfilju fil-qorti tal-Imperatur. Il-parti ta' Santa Katarina kienet tinħadem [illegible] Rita Montebello, illum Ghio, filwaqt li l-Imperatrici Fawstina, mart massaminu, kienet tinħadem minn Ġina Delia "ta' l-Għasli", illi tgħix l-Awstralja, u forsi wkoll b'kunjom mibdul.



Din il-parti ġieli wkoll ħadmitha Carmen nee'Vella, bint Nenu Vella "l-ġgant" Alla jaħfirlu. Meta d-dramm kien jieħu ħsiebu Peter Montebello f'dik li hi direzzjoni, minflok mas-separju kien jingħalaq ta'spiss, bena produzzjoni fejn għaqqad xi xeni flimkien f'Att sħieħ. Pero d-dramm dejjem kien baqa', u hekk din is-sena (li se jkollu direzzjoni ta' Vince Calleja) dak li kiteb Karmenu Baldacchino. Jgħidu li meta fl-antik kien jinħadem dan id-dramm, Baldacchino, kien jagħmel dik ta Prudenzju – parti żgħira, pero wkoll titlob impenn. Vince Calleja jgħid li darba, meta kien zgħir, ħadem il-parti ta' l-Anġlu li kellu jkisser ir-roti tal-martirju, u kienu dendluh b'xi ħbula ...tgħix kemm għaqad... u ta b'idejh... għax ħaseb li sa jaqa' u ried (min għalih) Iżomm ma x'imkien!!

Fid-Domus ħadd ma kien issib diffikulta biex jidħol – kemm jekk mal-Beland, kemm jekk maż-Żejtun Band, kemm jekk ma' "tal-Lacci" (Cirkolo Mużikali S. Katarina), għalkemm jgħidu li fl-imgħoddi ġieli kien hemm xi ftit tar-rivalita – mhux profonda - fil-qasam tal-palk bejn tal-Lacci u tad-Domus. Meta konna nispiċċaw l-Att tad-dramm konna nagħmlu tlett kwadri bl-aħħar wieħed ikun "replika" tal-istatwa titulari, u dak li bih in-nies preżenti kienu jiżfugaw l-entużjażmu li jkunu daħlu bih, ikkontrollat matul id-dramm, Iżda jixpakka bil-kant tal-innu, u ħruq ta' gassijiet bl-isfafar. Fil-platea konna niccelabraw il-festa tmin t'ijiem qabel!!

Tajjeb ngħid li meta ma kienx baqa' jsir id-Domus, għax l-attivitajiet teatrali kienu waqfu,għax intqal li l-platea kienet strutturalment ikkundannata, ħadt ħsieb b'versjoni differenti minn dak ta' Karmnu Baldacchino "l-Iskultur" (għax dik propjeta tad-Domus), intella' d-dramm il-Youth Centre Nazju Falzon. Dan kien fl-1978, u 1979 bil- parti ta' Santa Katarina tinħadem minn Irene (dak Iż-żmien) Grech, u fil-parti ta' Massaminu darba ħadimha Emle Aġius "it-Turru" li għall-Youth Centre kitbilna (u ħdimna) bosta xogħolijiet tiegħu serji u komici.

Meta fil-1968 konna ħlomna li ntellgħu d-dramm ta' Santa Katarina, fit teatru Pandora teatru tal-Banda Żejtun, bil-koperazzjoni tal-kumitat tal-istess Socjeta flimkien ma dak tad-Domus, bħala mezz ta'flus għall-kumitat WIRT IŻ-ŻEJTUN, ir-rappreżentazzjoni sfrattat għal kollox, minħabba nukleu żgħir ta'nies li kienu fil-gallarija ta' l-istess teatru, li bl-imġieba tagħhom qajmu ċertu storbju hekk li disgustaw lil dawk preżenti nkluż l-atturi. Dak in-nhar il-karattru ta' Massaminu



kien se jkun interpretat minn Salvu Carabott (ix-Xaqra) Spiru Buttiġieġ (Portilju) Ġużu' Aġius (ic-Cinnu) Licino, Katy Aġius (Katarina), u Katy Mifsud (illum Barbara),Faustina. Jekk Katy Aġius, dak iż-żmien ma rnexxilhiex taħdem il-parti ta' Katarina, kienet ħadmitha darba fid-Domus, l-istess għamlet Melinia Debono (tal-Kampnar), illum miżżewġa, u toqgħod B'Bugia. Il-parti ta'Licino, darba wkoll inħadmet minn Tonio Dimech (tal-Ġipsy) waqt li Phyliss Fenech (qabel Cumbo) kienet interpretat Faustina.

Spiru Buttiġieġ, id-Domus, ħadem ukoll il-parti ta' Massaminu, pero l-aktar parti li kien marbut magħha, tant li biha għadu magħruf, hi dik ta' Profilju, karattru li kien interpreta meta darba d-dramm inħadem fil-Beland, b'Censu Barbara (Massaminu). U Emanuel Aġius (it-Turu) li interpreta wieħed mill-qassisin ta' Ġove.

Din is-sena, jekk Alla jrid f'Novembru li ġej, id-dramm ta' Santa Katarina se jerġa' jkun preżentat, wara tant snin, u wara li l- platea tad-Domus ġiet rinovata, u fil-partijiet principali hemm Patrick Mifsud (Profilju), Carmelo Cumbo (Prudenzju), Vanessa Busuttil (Faustina), Joseph Mercieca (Licino), filwaqt li ż-żewġ sacerdoti ta'Ġove se jkunu nterpretati minn Andre' Muscat (ta' l-Istampatur) u Joseph Busuttil. Il-parti ta' Santa Katarina se tkun interpretata minn Christine Borg, tfajla minn Ħ'Attard, li n-namrat tagħha hu Żejtuni.

Id-Domus ma kienx attiv biss fil-qasam kulturali tal-palk. Fi żmieni ma nistax ma niftakarx f'Joseph Mansueto, li tiegħu tellajna wkoll xogħolijiet teatrali, komici l-aktar. Fil-kappella tad-Domus ma nistax ma niftakarx, barra l-quddiesa kull nhar ta'Ħadd fis-7.00 a.m. fil-festa ta' Kristu Re b'nofs ta' nhar adorazzjoni u wara purcissjoni ta' l-għeluq mill-Isqof Emly Galea, mill-kappella tinżel fil-bitħa, u 'lura w tingħata l- barka Sagramentali, il-festa tas-Sagra Familja bl-ewwel u t-tieni għasar u l-quddiesa kantata bis-sehem tal-orkestra u l-schola Cantorum kollox tad-Domus, fir-recta tar-Rużarju filgħaxija fil-kappella tul ix-xahar ta' Mejju, fil-festa li konna nagħmlu tal-Figlie di Marija, f'Mejju.. u fit-tagħlim tal-katekiżmu lit-tfal zgħar, biex ma nsemmiegħx il-purcissjoni mit-tfal tal-preċett li kienu joħorgu mid-Domus fi triqithom lejn il-Knisja, għall-quddiesa li fiha jkunu se jircievu l-Ewwel Tqarbina. Id-Domus għalija jfissru nostalgija !! Pero d-dramm ta' Santa Katarina hu sinonimu / esklussivita mad-Domus.

Nispera li b'dan it-tagħrif, ġeddidt il-memorja / nostalgija, meta fis-snin l-imgħoddija kien issir id-dramm ta' Santa Katarina, li kien jiġbed ħafna nies, u mistenni minn sena għall-oħra – dramm li f'Novembru li gej se jerġa jsir fid-Domus b'direzzjoni ta' Vince Calleja, fl-okkażżjoni tas-sena centinarja li fiha ż-Żejtun u Żwieten qed ifakkru 1700 mill-martirju tal-qaddisa Patruna Santa Katarina V.M.